MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1983/1995/1

***Anthony Borg et***
***Vs***
***Vincent Borg***

Illum 16 ta' Jannar 2003

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ppresentata fit-23 ta' Novembru 1995 li fiha l-attur ippremetta illi l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' LM 748, prezz ta' 'trench roller' uzat (second hand) mibjugh u kkonsenjat lill-istess konvenut u minnu accettat fis-07 ta' April 1995;

Ipremetta illi l-konvenut, interpellat diversi drabi biex ihallas, fil-bidu wieghed illi kien sejjer ihallas, pero' baqa' inadempjenti;

Ippremetta illi fil-fehma tal-attur il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba attrici ghall-hlas minghandu pretiz;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM 748 prezz ta' trench roller uzat lilu mibjugh u konsenjat u minnu accettat fis-07 ta' April 1995;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi mis-07 ta' April 1995 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizjoni tieghu.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-27 ta' Novembru, 1995, li forza tieghu il-konvenut gie awtorizzat jikkontesta l-kawza u nghata l-fakolta jipprezzenta nota tal-l-eccezzjonijiet;

Rat in-nota tal-eccezzzjonijiet tal-konvenut li fiha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi t-trench roller merita tal-kawza ma kienx tal-kwalita` pattwita.

2. Salv kull eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati li resqu l-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-avukat tal-partijiet;

Rat li din il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob hlas ta' LM 748 rappresentanti l-bejgh ta' trench roller mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut fis-07 ta' April 1995. Il-konvenut mhux qed jichad la li sar il-bejgh u lanqas il-prezz izda qed jallega li dan ir-roller ma kienx tal-kwalita` pattwita u qed jirrifjuta li jhallas il-prezz miftiehem.

Jidher, ghalhekk, li l-konvenut qed jibbaza l-eccezzjonijiet tieghu fuq l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili li jiddisponi:

"Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinnia ma tkunx tal-kwalita` mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista` jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti"

Jirrizulta li n-natura tal-hsara li kellu r-roller kienet li c-cinga tinqata malajr u biex tinbidel, kull cinga tiswa madwar LM25. L-attur jghid li hu naturali li c-cinga tinqata` wara hin ta' uzu, tant li siehbu li xtara romblu gdid ukoll jghaddi mill-esperjenza li jkollu jbiddel ic-cinga regolarment. Il-konvenut jghid li c-cinga titqatta ghax hemm *part* fir-romblu li hemm bzonn li tigi mibdula, izda biex tigi rimpjazzata irid jonfoq daqs kemm nefaq biex xtara r-romblu.

Hi x'inhi r-raguni li minhabba fiha titqatta` c-cinga, jidher li, jekk din titqatta` ghar-raguni li allega l-konvenut, dan iwassal ghall-konkluzjoni li l-istess romblu kien difettuz mhux li ma kienx tal-kwalita pattwita. Ma jidhirx li hemm xi nuqqas tal-kwalita tar-romblu, ghax meta jahdem, jahdem tajjeb u hu idoneu ghax-xoghol li ghalih inholoq.

Il-fatt, li r-romblu jqatta` c-cinga ftit sieghat wara li jibda jahdem, jista jkun difett fir-romblu, izda ghall-bqija jahdem tajjeb u kif suppost. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Pace vs Castle Management Ltd", deciza fid-29 ta' Marzu 1999,

difetti li jistghu jittrangaw, irendu l-oggett diffettuz u mhux jaghmel mill-oggett mhux tal-kwalita` pattwita. L-eccezzjoni tal-konvenut ma tistax, anke fuq hekk biss, tigi milqugha.

Oltre dan, jekk xerrej jallega li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita, ma jistax jirrnexxi f'din id-difiza jekk jibqa jzomm l-oggett. Kif qalet il-Qorti tal-Magistrati (Malta), presjeduta mill-Magistrat Michael Mallia, fil-kawza "Darmanin noe vs Rosso" deciza fl-24 ta' Mejju, 1999, "sew f'azzjoni kif ukoll permezz ta' eccezzjonijiet, filwaqt li kompratur jista' jitlob ir-risoluzzjoni ta' bejgh fil-kaz ta' inadempjenza ta' kuntratt, ma jistax jinvoka favur tieghu d-disposizzjoni tal-artikolu 1390 tal-Kap 16 jekk ma jirrifjutax l-oggett u minflokk jaghzel li jzommu minkejja l-oggezzjonijiet tieghu" (ara wkoll "Attard Brothers vs Direttur tal-Edukazzjoni" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-04 ta' Novembru 1992; "Degiorgio vs Cole", deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Ottubru ,1996; "Abela noe vs Cutajar", deciza ukoll minn din il-Qorti fis-06 ta' Frar 1998; u "Schembri noe vs Abela", deciza ukoll minn din il-Qorti fis-27 ta' Lulju, 2000).

It-triq tal-konvenut kienet li jipprocedi bid-depozitu tal-oggett, liema depozitu kellu jsir b'mod illi l-venditur ikun jista liberament jirtira l-oggett minnu mibjugh kontra l-hlas lura da parti tieghu tal-prezz li jkun ircieva, kieku sar il-hlas, jew minghajr tali kundizzjoni jekk, kif gara f'dan il-kaz, ma kienx ghadu sar il-hlas relattiv.

Il-konvenut, f'dan il-kaz, ghalkemm ilmenta mill-fatt li kienet tinqatalu c-cinga, zamm ir-romblu u kompla juzah; mhux hekk biss, izda anke ssellef l-istess romblu lill-haddiehor ghall-uzu minnu. Anke jekk, ghallhekk, jista jinghad li r-romblu ma kienex tal-kwalita` pattwita (konkluzzjoni li din il-Qorti mhux qed tikkondividi), ix-xerrej tilef id-dritt li jitlob ix-xoljiment tal-kuntratt bl-agir tieghu stess.

Il-konvenut jista jargumenta li hu ma zammx ir-romblu, ghax dan jinsab f'idejn terza persuna li kellha tirrangah. Il-Qorti tinnota, fl-ewwel lok, li meta l-konvenut ried

jikkonsenja lura r-romblu u l-attur ma riedux, il-konvenut zammu fil-garage tieghu u telqu hemm, u la ha passi biex jiddeposita r-romblu taht l-awtorita' tal-Qorti u lanqas ma ha proceduri biex ihassar il-bejgh minhabba allegat difett fl-istess romblu. Kien biss meta l-partijiet ftehmu li jikkonsenjaw ir-romblu f'idejn "espert li fuqu qablu bonarjament il-partijiet", li l-konvenut telaq ir-romblu minn idejh. Dan sar biex skond il-verbal registrat fl-udjenza tad-09 ta' Frar 1998, dan l-espert "jistabbillixxi l-ezistenza o meno tad-difett bi skop li dan jigi rrangat u tkun tista' ssir transazzjoni".

Ghalkemm dan il-verbal ma kienx jikontjeni transazzjoni fih innifsu (ghax it-transazzjoni kellha, possibilment, issehh wara li l-espert jistabilixxi l-ezistenza o meno tad-difett u jirranga r-romblu), jibqa fatt li l-konsenja tar-romblu lill-dan il-persuna saret bi qbil bejn il-partijiet bi skop li jintlahaq ftehim; kwindi, ir-romblu baqa' formalment, fil-kustodja tal-konvenut, u meta din il-persuna irrangat ir-romblu, il-konvenut ma setax jehles mir-responsabilita` u jahsel idejh mill-kwistjoni billi ma jmurx ghar-romblu ghax ma kellux bzonnu aktar. Ghalkemm hu veru li transazzjoni trid isir bil-miktub, intqal mill-Qorti taghna li verbal tal-partijiet waqt kawza ghandu l-istess effett kuntratwali ("<u>Direttur tal-Agrikoltura vs Galea</u>", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 1987) u li verbal tal-partijiet fir-Registru tal-Qorti ghandu l-istess forza ta' kuntratt u jitqies bhala ftehim ghal-finijiet kollha tal-ligi ("<u>Borg vs Portelli et</u>", deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Ottubru 1982). Kwindi, l-konvenut ma jistax jghid li r-romblu gie konsenjat lil dak l-espert ghax ried l-attur, ghax, bhala fatt, fuq dan kien sar ftehim verbalizzat quddiem din il-Qorti (ara ukoll, dwar l-effetti ta' verbal, il-kawzi "<u>Cini vs Portelli</u>", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-02 ta' Ottubru 1925, Kollez. Vol. XXVI. 1. 226, u "<u>Debono vs Debono</u>" deciza ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu, 1953, Kollez. Vol. XXXVII. 1. 99). Il-konsenja f'idejn l-espert, kwindi, saret ghall-fini ta' transazzjoni u jekk din ma intlaheqetx il-konvenut kellu jiehu lura r-romblu u jipprocedi kif trid il-ligi.

Apparti din il-konsiderazzjoni, jirrizulta ukoll li l-konvenut silef dan ir-romblu lill-terza persuna u dan meta suppost gia kien jaf li dak r-romblu ma kienx qed jahdem kif xtaq. Persuna li tallega difett f'oggett mixtri, ma tistax issellef l-oggett ghall-uzu tieghu minn haddiehor, u fl-istess hin tirrifjuta li thallas il-prezz tal-oggett ghax hu difettuz!

Il-Qorti tixtieq tirrimarka ukoll fuq il-inkonsistenza li wrew il-konvenut u huh fid-deposizzjoni taghhom.  Dawn kienu jahdmu flimkien bhala kuntratturi, u ghalkemm suppost kienu f'negozju flimkien, ma jaqblu fuq kwazi xejn dwar is-*surroundings* ta' din il-kwistjoni.  Meta xehedu, fil-fatt ma qablux la fuq id-drabi li c-cinga inqatghet f'idejhom (il-konvenut jghid darbtejn, huh Charles Borg jghid tlieta), ma jaqblux fuq meta kellmu lill-attur l-ewwel darba wara li xtraw ir-romblu (il-konvenut ighid xi jiem wara li nqatghet ic-cinga ghax l-attur kien imsiefer, waqt li huh jghid li kellmuh dakinhar stess li inqatghet ic-cinga ghax ikkuntatjawh darbtejn bit-telephone), ma qablux dwar jekk dan ir-romblu giex misluf lill-terzi (il-konvenut jghid li silef ir-romblu ill-certi Tony Bonavia xi jumejn wara li xtrah, waqt li huh jghid li huma ma silfu r-romblu lill-hadd ghax dan baqa fil-garage taghhom kontinwament), u lanqas ma qablu dwar meta inbidlet is-sistema ghat-thaffir tat-trinek (il-konvenut jghid li l-bidla saret qabel ma infethet din il-kawza, u cioe`, qabel l-1995, waqt li huh jghid li l-bidla saret fl-2001).  Il-konvenut u huh tant jikkontradixxu lill-xulxin, li difficli li din il-Qorti tista` taghti affidament lill-verzjoni taghhom tal-fatti.

Hu minnu li min jixtri oggett, anke second hand, irid li l-oggett ikun tajjeb ghall-uzu li ghalih l-oggett kien mixtri, pero`, ix-xerrej irid jiehu hsieb l-interessi tieghu u jikawtellhom kif trid il-ligi:  li titlaq l-oggett fil-garage u ma tiehu ebda passi biex titlob ridress, mhux soluzzjoni ragjonata u mhux r-rimedju li tesigi l-ligi.  Il-ligi taghti rimedji adegwati biex ix-xerrej ma jigix ingannat u jipprotegi l-interessi tieghu, izda jekk ma jigux utilizzati, *imputat sibi* jekk jispicca li jkollu jhallas ghall-oggett xorta wahda.

Il-Qorti, ghalhekk ghar-ragunijiet premessi, tiddecieidi din il-kawza billi, previa li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM 748 (seba` mija u tmienja u erbghin Liri Maltin) prezz ta' trench roller lilu mibjugh u konsenjat.

Dwar l-imghax, peress li kien hemm xi dwemien f'din il-kawza, imputtabli anke, in parte, lill-attur, tipprovdi li l-imghax fuq din is-somma m'ghandux jibda jiddekorri kif mitlub, izda mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lill-konvenut, cioe`, mill-24 ta' Novembru, 1995.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------